



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 29 ta' Marzu 2017
(OR. en)

2016/0023 (COD)

PE-CONS 4/17

ENV 30
COMER 5
MI 48
ONU 7
SAN 30
IND 8
CODEC 55

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-
merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008

REGOLAMENT (UE) 2017/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 303, 19.8.2016, p. 122.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2017 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

- (1) Il-merkurju huwa sustanza tossika ħafna li tirrappreżenta periklu globali u kbir għas-saħħa tal-bniedem, inkluż fil-forma ta' metilmerkurju fil-ħut u r-riżorsi tal-baħar, l-ekosistemi u l-organiżmi slavaġ. Minħabba l-għamla transfruntiera tat-tniġġis tal-merkurju, bejn 40 % u 80 % tad-depożitu totali tal-merkurju fl-Unjoni joriġina minn barra l-Unjoni. Għalhekk, jiġġustifika azzjoni f'livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali.
- (2) Ħafna mill-emissjonijiet tal-merkurju u r-riskji ta' esponiment assoċjati jirriżultaw minn attivitajiet antropoġeniċi, bħall-estrazzjoni primarja u l-ipproċessar tal-merkurju, l-użu tal-merkurju fil-prodotti u l-proċessi industrijali, l-estrazzjoni u l-ipproċessar tad-deheb artiġjanali u fuq skala żgħira, l-kombustjoni tal-faħam u l-ġestjoni tal-iskart tal-merkurju.
- (3) Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali adottat bid-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi l-oġġettiv fit-tul ta' ambjent mhux tossiku u jistipula, għal dak il-għan, li hemm bżonn li tittieħed azzjoni sabiex jiġi żgurat li sal-2020 jitnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti avversi sinifikanti tas-sustanzi kimiċi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent
- (4) Il-Komunikazzjoni tat-28 ta' Jannar 2005 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "L-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju", kif riveduta fis-7 ta' Diċembru 2010 ("l-Istrateġija"), għandha l-għan li timminimizza u, fejn ikun vijabbli, finalment telimina r-rilaxxi antropoġeniċi globali tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fuq l-art.

¹ Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

- (5) Fl-aħħar 10 snin sar progress sinifikanti fl-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-merkurju mindu ġew adottati l-Istrateġija u firxa sħiħa ta' miżuri li jikkonċernaw l-emissjonijiet, il-provvista, id-domanda u l-użu tal-merkurju, u l-ġestjoni tal-eċċess u tal-ħażniet tal-merkurju.
- (6) L-Istrateġija tirrakkomanda li jenħtieġ li n-negozjar u l-konklużjoni ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti tal-merkurju jkunu prijorità billi l-Unjoni waħedha ma tistax tiggarrantixxi protezzjoni effettiva taċ-ċittadini tal-Unjoni kontra l-effetti negattivi tal-merkurju fuq is-saħħa.
- (7) L-Unjoni Ewropea (UE) u 26 Stat Membru ffirmaw il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju tal-2013 ("il-Konvenzjoni"). Iż-żewġ Stati Membri li ma ffirmawx il-Konvenzjoni, l-Estonja u l-Portugall, esprimew l-impenn tagħhom li jirratifikawha. Għalhekk, l-Unjoni u l-Istati Membri kollha tagħha ħadu impenn li jikkonkluduha, jittrasponuha u jimplimentawha.
- (8) Approvazzjoni rapida tal-Konvenzjoni mill-Unjoni u r-ratifika tagħha mill-Istati Membri tagħha tħeġġeġ lill-utenti u l-emittenti globali ewlenin tal-merkurju, li huma firmatarji għall-Konvenzjoni, sabiex jirratifikawha u jimplimentawha.
- (9) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkomplimenta l-acquis tal-Unjoni u jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-allinjament sħiħ tal-acquis tal-Unjoni mal-Konvenzjoni sabiex, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu rispettivament japprovaw jew jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni.

- (10) Azzjoni ulterjuri mwettqa mill-Unjoni, li tmur lil hinn mir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni, tista' twitti t-triq, bħal fil-każ tar-Regolament (KE) Nru 1102/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, għal prodotti u proċessi ħielsa mill-merkurju.
- (11) B'konformità mal-Artikolu 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dan ir-Regolament ma jipprevjenix lill-Istati Membri milli jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi aktar strinġenti, dment li tali miżuri jkunu kompatibbli mat-Trattati u l-Kummissjoni tkun għet notifikata b'dan.
- (12) Jenħtieġ li l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-merkurju stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 tkun ikkomplementata b'restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni tal-merkurju li jvarja skont is-sors, l-użu intiż u l-post ta' orijini tal-merkurju. Jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jibqa' japplika fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' skart tal-merkurju, b'mod partikolari fir-rigward tas-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti taħt dak ir-Regolament.
- (13) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-importazzjoni tal-merkurju u ta' taħlitiet tal-merkurju huma mmirati lejn l-iżgurar tat-twettiq tal-obbligi tal-Konvenzjoni li jikkonċernaw il-kummerċ ta' merkurju mill-Unjoni u mill-Istati Membri.

¹ Regolament (KE) Nru 1102/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-projbizzjoni tal-merkurju metalliku u ta' ċerti komposti u taħlitiet tal-merkurju u l-ħżin sikur tal-merkurju metalliku (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 75).

² Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

- (14) Jenħtieġ li l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura ta' firxa ta' prodotti miżjudin bil-merkurju li jirrappreżentaw sehem sinifikanti mill-użu tal-merkurju u komposti tal-merkurju fi ħdan l-Unjoni u f'livell globali jkunu pprojbiti.
- (15) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-acquis applikabbli tal-Unjoni li jistabbilixxu rekwiżiti iktar stretti għall-prodotti miżjudin bil-merkurju, inkluż fir-rigward tat-termini tal-kontenut massimu ta' merkurju.
- (16) Jenħtieġ li i-użu tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fil-proċessi tal-manifattura jiġu eliminati gradwalment u, għal dak il-għan, għandhom jingħataw inċentivi għar-riċerka dwar sustanzi alternattivi għall-merkurju b'karatteristiċi li jkunu innokwi jew, fi kwalunkwe każ, inqas perikolużi għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem.
- (17) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprojbixxi, mill-10 ta' Ottubru 2017, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħames komposti tal-fenilmerkurju magħrufa li jintużaw, speċjalment bħala katalisti, fil-produzzjoni tal-poliuretan. L-użu ta' katalisti li fihom il-merkurju fil-produzzjoni tal-poliuretan għandu jkun ipprojbit ukoll mill-1 ta' Jannar 2018.

¹ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

- (18) Jenħtieġ li l-produzzjoni ta' alkoħolati li tinvolvi l-użu tal-merkurju bħala elettrodu tiġi eliminata gradwalment u jenħtieġ li tali proċessi tal-manifattura jiġu sostitwiti mill-aktar fis possibbli minn proċessi tal-manifattura fattibbli mingħajr merkurju għandha sseħħ. Fin-nuqqas ta' proċessi tal-manifattura rilevanti disponibbli mingħajr merkurju, għandhom jiġu stipulati l-kundizzjonijiet operatorji għall-produzzjoni tal-metilat jew tal-etilat tas-sodju jew tal-potassju li jinvolvu l-użu tal-merkurju. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex jitnaqqas l-użu tal-merkurju sabiex jiġi eliminat gradwalment l-użu tiegħu f'tali produzzjoni malajr kemm jista' jkun possibbli u f'kwalunkwe avveniment qabel l-1 ta' Jannar 2028.
- (19) Il-manifattura u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti ġodda miżjudin bil-merkurju u l-użu ta' proċessi ġodda tal-manifattura li jinvolvu l-użu tal-merkurju jew ta' komponenti tal-merkurju jżidu l-użu tal-merkurju u l-komposti tal-merkurju u l-emissjonijiet tal-merkurju fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li tali attivitajiet ġodda ikunu pprojbiti sakemm valutazzjoni ma turix li l-prodotti ġodda miżjudin bil-merkurju jew proċessi tal-manifattura ġodda jipprovdu benefiċċji sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa u ma jikkostitwixxu l-ebda riskju sinifikanti la għall-ambjent u lanqas għas-saħħa tal-bniedem, u li ma hemm ebda alternattiva teknikament prattikabbli bla merkurju għad-dispożizzjoni u li tipprovdi t-tali benefiċċji.

- (20) L-użu tal-merkurju u l-komposti tal-merkurju fl-estrazzjoni u l-ipproċessar tad-deheb artiġjanali u fuq skala żgħira jirrappreżenta sehem sinifikanti mill-użu u mill-emissjonijiet tal-merkurju madwar id-dinja b'effetti negattivi kemm għall-komunitajiet lokali u kemm fuq livell globali. Jenħtieġ għalhekk, li tali użu tal-merkurju u komposti tal-merkurju jiġi pprojbit taħt dan ir-Regolament u regolat fil-livell internazzjonali. Mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni ta' tali użu u flimkien mal-implimentazzjoni ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi min-naħa tal-Istati Membri fir-rigward ta' ksur ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq ukoll li jiġi previst pjan nazzjonali f'każ tal-aktar minn każijiet iżolati ta' nuqqas ta' konformità ma' dik l-projbizzjoni, sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-estrazzjoni u l-ipproċessar tad-deheb artiġjanali u fuq skala żgħira li fiha tkun intużat l-amalgamazzjoni tal-merkurju biex jiġi estratt id-deheb mill-minerali.
- (21) L-użu tal-merkurju f'amalgama dentali tikkostitwixxi l-akbar użu ta' merkurju fl-Unjoni u sors sinifikanti ta' tniġġis. Jenħtieġ għalhekk li l-użu tal-amalgama dentali jiġi eliminat gradwalment f'konformità mal-Konvenzjoni u mal-pjanijiet nazzjonali bbażati b'mod partikolari fuq il-miżuri elenkati fil-Parti II tal-Anness A għall-Konvenzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tirrapporta dwar il-fattibbiltà li l-użu tal-amalgama dentali fuq tul ta' żmien jiġi eliminat gradwalment, u preferibbilment sal-2030, filwaqt li jitqiesu l-pjanijiet nazzjonali meħtieġa minn dan ir-Regolament u filwaqt li tiġi rispettata b'mod sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu ċerti miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa preventiva għall-membri vulnerabbli tal-popolazzjoni, bħat-tfal u n-nisa tqal jew li qed iredgħu.

- (22) Jenħtieġ li jiġi permess biss l-użu tal-amalgama dentali f'forma inkapsulata ddożata minn qabel u jenħtieġ li l-użu tas-separaturi tal-amalgama f'faċilitajiet dentali fejn tintuża l-amalgama dentali jew jitneħħew il-mili ta' amalgama dentali jew snien li jkun fihom tali mili, isiru obbligatori, sabiex il-prattikanti fil-qasam dentali u l-pazjenti jkunu protetti kontra l-esponiment għall-merkurju u biex jiġi żgurat li l-iskart tal-merkurju li jirriżulta jinġabar u jintrema f'konformità mal-ġestjoni korretta tal-iskart u taħt l-ebda ċirkustanza rilaxxat fl-ambjent. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-użu tal-merkurju f'forma sfuża min-naħa tal-prattikanti fil-qasam dentali jkun ipprojbit. Kapsuli tal-amalgama bħal daww deskritti fl-istandards Ewropej EN ISO 13897:2004 u EN ISO 24234:2015 huma meqjusa li huma tajbin għall-użu mill-prattikanti fil-qasam dentali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit livell ta' effiċjenza ta' żamma minima għas-separaturi tal-amalgama. Jenħtieġ li l-konformità tas-separaturi tal-amalgama tkun ibbażata fuq standards rilevanti, bħall-istandard Ewropew EN ISO 11143:2008. Minħabba d-daqs tal-operaturi ekonomiċi fis-settur tad-dentistrija affettwati mill-introduzzjoni ta' daww ir-rekwiżiti, huwa xieraq li jingħata biżżejjed żmien għall-addattament għar-rekwiżiti l-ġodda.
- (23) It-taħriġ tal-istudenti tad-dentistrija u tal-prattikanti fil-qasam dentali dwar l-użu ta' alternattivi mingħajr merkurju, b'mod partikolari għal membri vulnerabbli tal-popolazzjoni bħal tfal u nisa tqal jew li qed ireddgħu, kif ukoll it-twertiq ta' riċerka u innovazzjoni dwar is-saħħa orali sabiex jittejjeb l-għarfien ta' materjali eżistenti u tekniki ta' tiswija, u sabiex jiġu żviluppati materjali ġodda, jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-użu tal-merkurju.

- (24) Sa tmiem l2017 ikunu ġew iġġenerati aktar minn 6 000 tunnellata metrika skart tal-merkurju likwidu fl-Unjoni, l-aktar bħala riżultat tad-dekummissjonar obbligatorju taċ-ċelloli tal-merkurju fl-industrija tal-chlor-alkali skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/732/UE¹. Minħabba l-kapaċità limitata disponibbli biex issir il-konverżjoni tal-iskart tal-merkurju likwidu, jenħtieġ li l-ħżin temporanju ta' merkurju likwidu tal-iskart jibqa' jkun awtorizzat skont dan ir-Regolament għal perijodu ta' żmien twil biżżejjed biex tiġi żgurata l-konverżjoni u, jekk applikabbli, is-solidifikazzjoni, ta' tali skart prodott kollu. Jenħtieġ li tali ħżin jitwettaq f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE².
- (25) Minħabba li l-merkurju huwa sustanza estremament perikoluża fil-forma likwida tiegħu, jenħtieġ li l-ħżin permanenti mingħajr trattament minn qabel tal-iskart tal-merkurju jiġi pprojbit minħabba r-riskji li dan ir-rimi jgħallq. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-iskart tal-merkurju jgħaddi minn konverżjoni adatta, u jekk applikabbli, minn operazzjonijiet ta' solidifikazzjoni qabel ma jinħażen b'mod permanenti. Għal dak il-għan, u sabiex jitnaqqsu r-riskji assoċjati, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu kont tal-linji gwida tekniċi dwar il-merkurju tal-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Movimenti Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi tiegħu.

¹ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/732/UE tad-9 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali għall-produzzjoni tal-chlor-alkali (ĠU L 332, 11.12.2013, p. 34).

² Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

- (26) Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet dwar l-iskart ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiġi żgurata sistema ta' traċċabbiltà effikaċi mat-tul kollu tal-katina tal-immaniġġjar tal-iskart tal-merkurju li permezz tagħha l-produtturi tal-iskart tal-merkurju u l-operaturi ta' faċilitajiet ta' ġestjoni tal-iskart li jaħżnu u jittrattaw tali skart huma meħtieġa jistabbilixxu reġistru ta' informazzjoni, bħala parti miż-żamma ta' rekords meħtieġa taħt id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (27) Il-Konvenzjoni tirrikjedi li l-Partijiet jagħmlu hilitom biex jiżviluppaw strateġiji xierqa għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tas-siti kkontaminati bil-merkurju jew b'komposti tal-merkurju. Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² tesiġi li l-operaturi ta' installazzjonijiet industrijali jindirizzaw il-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Barra minn hekk, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ tesiġi li l-Istati Membri jindirizzaw il-kontaminazzjoni tal-ħamrija fejn dan jaffettwa b'mod negattiv l-istat ta' korp tal-ilma. Jenħtieġ ħalhekk, li jkun hemm skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex dawn jaqsmu l-esperjenzi tagħhom dwar l-inizjattivi u l-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali.

¹ Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

² Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

³ Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

- (28) Sabiex jiġi rifless il-fehim xjentifiku attwali tar-riskji maħluqa mill-metilmerkurju, jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta twettaq ir-rieżami ta' dan ir-Regolament, tevalwa l-konsum attwali abbażi tas-saħħa u tistabbilixxi parametri referenzjarji ġodda mil-lat ta' saħħa fir-rigward tal-merkurju.
- (29) Sabiex il-leġislazzjoni tal-Unjoni tiġi allinjata mad-deċiżjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni appoġġjata mill-Unjoni permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 218(9) TFUE, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 fir-rigward tal-emendar tal-annessi għal dan ir-Regolament u fir-rigward l-estensjoni għall-perijodu permess għall-ħżin temporanju tal-iskart tal-merkurju. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (30) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-ispeċifikar ta' formoli għal importazzjoni u esportazzjoni, l-istipular ta' rekwiżiti tekniċi għall-ħżin temporanju ambjentalment korrett tal-merkurju, komponenti tal-merkurju u taħlitiet tal-merkurju, fir-rigward tal-projbizzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' prodotti miżjudin bil-merkurju ġodda u l-proċessi tal-manifattura li jinvolve l-użu ta' merkurju jew ta' komposti tal-merkurju u fir-rigward tal-ispeċifikar tal-obbligi tar-rapportar, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (31) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Jenħtieġ li dawn il-penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi.
- (32) Minħabba n-natura u l-firxa tal-modifiki li jridu jsiru fir-Regolament (KE) Nru 1102/2008, u sabiex jissaħħu ċ-ċertezza legali, iċ-ċarezza, it-trasparenza u s-simplifikazzjoni leġislattiva, dak ir-Regolament għandu jiġi mħassar.
- (33) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-atturi ekonomiċi affettwati minn dan ir-Regolament jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għar-reġim il-ġdid stabbilit minn dan ir-Regolament, dan għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

¹ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (34) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' ħarsien tal-ambjent mill-emmissjonijiet antropoġeniċi u r-rilaxxi ta' merkurju u komposti tal-merkurju, permezz inter alia ta' projbizzjoni fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-merkurju u tal-prodotti miżjudin bil-merkurju, restrizzjonijiet fuq l-użu tal-merkurju fil-proċessi tal-manifattura, fil-prodotti, fl-estrazzjoni tad-deheb artiġjanali u fuq skala żgħira u l-ipproċessar u fl-amalgama dentali, u l-obbligi applikabbli għall-iskart tal-merkurju, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba n-natura transfruntiera tat-tniġġis tal-merkurju u n-natura tal-miżuri li jridu jittieħdu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett u għan

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri u kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu u l-ħżin ta' u l-kummerċ tal-merkurju, il-komposti tal-merkurju u t-taħlitiet tal-merkurju, u l-manifattura u l-użu ta' u l-kummerċ ta' prodotti miżjudin bil-merkurju, u l-ġestjoni tal-iskart tal-merkurju, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent minn emissjonijiet u r-rilaxxi antropoġeniċi tal-merkurju u l-komposti tal-merkurju.

Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu japplikaw rekwiżiti aktar stretti minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, f'konformità mat-TFUE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "merkurju" tfisser merkurju metalliku (Hg, CAS RN 7439-97-6);
- (2) "kompost tal-merkurju" tfisser kwalunkwe sustanza li tikkonsisti f'atomi tal-merkurju u atomu wieħed jew aktar ta' elementi kimiċi oħrajn li jistgħu jiġu sseparati f'komponenti differenti permezz ta' reazzjonijiet kimiċi biss;

- (3) "taħlita" tfisser ta hlita jew soluzzjoni komposta minn żewġ sustanzi jew aktar;
- (4) "prodott miżjud bil-merkurju" tfisser prodott jew komponent ta' prodott li fih merkurju jew kompost tal-merkurju li żdied b'mod intenzjonali;
- (5) "skart tal-merkurju" tfisser merkurju metalliku li jikkwalifika bħala skart kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (6) "esportazzjoni" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
 - (a) l-esportazzjoni permanenti jew temporanja ta' merkurju, komposti tal-merkurju, ta hlitiet tal-merkurju u prodotti miżjudin bil-merkurju li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) TFUE;
 - (b) l-esportazzjoni mill-ġdid ta' merkurju, komposti tal-merkurju, ta hlitiet tal-merkurju u prodotti miżjudin bil-merkurju li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(2) TFUE li jitqiegħdu taħt proċedura doganali li ma tkunx il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni għal merkanzija li tkun għaddejja mit-territorju doganali tal-Unjoni;
- (7) "importazzjoni" tfisser l-introduzzjoni fiżika fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' merkurju, komposti tal-merkurju, ta hlitiet tal-merkurju u prodotti miżjuda bil-merkurju li titqiegħed taħt proċedura doganali li ma tkunx il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni għal merkanzija li tkun għaddejja mit-territorju doganali tal-Unjoni;
- (8) "rimi" tfisser rimi kif definit fil-punt (19) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (9) "estrazzjoni primarja tal-merkurju" tfisser estrazzjoni fejn il-materjal prinċipali mfittex ikun il-merkurju;

- (10) "konverżjoni" tfisser it-trasformazzjoni kimika tal-istat fiżiku tal-merkurju minn stat likwidu għal sulfuri tal-merkurju jew kompost kimiku komparabbli li jkun ugwalment jew aktar stabbli u solubbli b'mod ugwali jew inferjuri fl-ilma u li ma jippreżenta l-ebda periklu għall-ambjenti jew għas-saħħa aktar mis-sulfuri tal-merkurju.
- (11) "tqegħid fis-suq" tfisser il-forniment lil parti terza jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħha, kemm bi ħlas u kemm mingħajr ħlas. L-importazzjoni għandha titqies bħala tqegħid fis-suq;

Kapitolu II

Ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ u l-manifattura li jikkonċernaw il-merkurju, il-komposti tal-merkurju, it-taħlitiet tal-merkurju u l-prodotti miżjudin bil-merkurju

Artikolu 3

Restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni

1. L-esportazzjoni tal-merkurju għandha tkun ipprojbata.
2. L-esportazzjoni tal-komposti tal-merkurju tat-taħlitiet tal-merkurju elenkati fl-Anness I għandha tkun ipprojbata mid-dati stabbiliti fih.
3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-esportazzjoni tal-komposti tal-merkurju elenkati fl-Anness I għal finijiet ta' riċerka fuq skala tal-laboratorju jew analiżi tal-laboratorju għandha tkun awtorizzata.

4. L-esportazzjoni, għall-fini tal- irkupru ta' merkurju, ta' komposti tal-merkurju u ta' taħlitiet tal-merkurju li mhumiex suġġetti għall-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 2 għandha tkun ipprojbata.

Artikolu 4

Restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni

1. L-importazzjoni tal-merkurju u l-importazzjoni tat-taħlitiet tal-merkurju elenkati fl-Anness I, inkluż l-iskart tal-merkurju minn kwalunkwe waħda mis-sorsi kbar imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 11, għal użi oħrajn għajr ir-rimi bħala skart għandha tkun ipprojbata. Tali importazzjoni għar-rimi bħala skart għandha tkun awtorizzata biss fejn il-pajjiż esportatur ma jkollux aċċess għal kapacià ta' konverżjoni disponibbli fit-territorju tiegħu stess.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11 u b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-importazzjoni tal-merkurju u l-importazzjoni tat-taħlitiet tal-merkurju elenkati fl-Anness I għal użu awtorizzat fi Stat Membru għandha tkun awtorizzata meta l-Istat Membru importatur ikun ta l-kunsens bil-miktub tiegħu għal tali importazzjoni f'waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

- (a) il-pajjiż esportatur ikun Parti għall-Konvenzjoni u l-merkurju esportat ma jkunx ġej minn estrazzjoni primarja tal-merkurju, li hija pprojbata skont l-Artikolu 3(3) u (4) tal-Konvenzjoni; jew
- (b) il-pajjiż esportatur li ma jkunx Parti għall-Konvenzjoni jkun ipprovda ċertifikazzjoni li l-merkurju ma jkunx ġej minn estrazzjoni primarja tal-merkurju.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura nazzjonali adottata f'konformità mat-TFUE, l-użu awtorizzat skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni għandu jitqies bħala użu permess fi Stat Membru għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

2. L-importazzjoni ta' taħlitiet tal-merkurju li ma jaqgħux taħt il-paragrafu 1, kif ukoll ta' komposti tal-merkurju, għall-fini ta' rkupru tal-merkurju, għandha tkun ipprojbata.
3. L-importazzjoni tal-merkurju għall-użu fl-estrazzjoni u l-ipproċessar tad-deheb artiġjanali u fuq skala żgħira għandha tkun ipprojbata.
4. Fejn l-importazzjoni ta' skart tal-merkurju tkun awtorizzata f'konformità ma' dan l-Artikolu, ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandu jkompli japplika flimkien mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament..

Artikolu 5

L-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura ta' prodotti miżjudin bil-merkurju

1. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti iktar stretti stabbiliti fl-leġislazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni, l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura fl-Unjoni tal-prodotti miżjudin bil-merkurju kif stipulat fl-Anness II għandhom ikunu pprojbiti mid-dati stipulati fih.
2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal kwalunkwe wieħed mil-prodotti li ġejjin miżjudin bil-merkurju:
 - (a) prodotti li huma essenzjali għall-protezzjoni ċivili u għal użi militari;
 - (b) prodotti għar-riċerka, għall-kalibrazzjoni tal-istrumentazzjoni, jew għall-użu bħala standard ta' referenza.

Artikolu 6

Formoli għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, sabiex tispeċifika l-formoli li jridu jintużaw għall-fini ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 3 u 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

Kapitolu III

Ir-restrizzjonijiet fuq l-użu u l-ħżin tal-merkurju, tal-komposti tal-merkurju u tat-taħlitiet tal-merkurju

Artikolu 7

Attivitajiet industrijali

1. L-użu tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fil-proċessi tal-manifattura elenkati fil-Parti I tal-Anness III għandu jkun ipprojbit mid-dati stipulati fiha.
2. L-użu tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fil-proċessi tal-manifattura elenkati fil-Parti II tal-Anness III għandu jkun awtorizzat biss soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fiha.

3. Il-ħżin temporanju tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju u t-taħlitiet tal-merkurju elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandu jsir b'mod ambjentalment korrett, skont il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u fid-Direttiva 2010/75/UE.

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-obbligu stipulat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti tekniċi għall-ħżin temporanju ambjentalment korrett tal-merkurju, tal-komposti tal-merkurju u tat-taħlitiet tal-merkurju skont id-deċiżjonijiet adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni, sakemm l-Unjoni tkun appoġġat id-Deċiżjoni kkonċernata permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 218(9) TFUE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament.

¹ Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

Artikolu 8

Prodotti ġodda miżjudin bil-merkurju u proċessi tal-manifattura ġodda

1. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jimmanifatturaw jew iqiegħdu fis-suq prodotti miżjudin bil-merkurju li ma kinux qed jiġu manifatturati qabel l-1 ta' Jannar 2018 ('prodotti ġodda miżjudin bil-merkurju') sakemm mhux awtorizzati permezz ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu jew mhux permessi li jagħmlu dan skont id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal ebda minn dawn:

- (a) tagħmir li huwa meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri, inklużi armi, munizzjon u materjal tal-gwerra maħsuba għal għanijiet speċifikament militari;
- (b) tagħmir iddisinjat biex jintbagħat fl-ispazju; u
- (c) titjib tekniku magħmul għall-prodotti eżistenti miżjudin bil-merkurju li kienu ġew manifatturati qabel l-1 ta' Jannar 2018 jew it-tfassil mill-ġdid tagħhom sakemm dan it-titjib jew it-tfassil mill-ġdid ma jwassalx għal tnaqqis fil-merkurju li jkun qed jiġi wżat f'dawk il-prodotti.

¹ Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).

2. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jużaw proċessi tal-manifattura li jinvolvu l-użu tal-merkurju jew ta' komposti tal-merkurju li ma kinux proċessi jintużaw qabel l-1 ta' Jannar 2018 ('proċessi tal-manifattura ġodda') sakemm mhux awtorizzati permezz ta' deċiżjoni meħuda f'konformità mal-paragrafu 6.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-proċessi tal-manifattura jew jużaw il-prodotti miżjudin bil-merkurju għajr dawk suġġetti għall-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1.

3. Meta operatur ekonomiku jkun biħsiebu japplika għall-deċiżjoni skont il-paragrafu 6 sabiex jimmanifattura jew iqiegħed fis-suq prodott ġdid miżjud bil-merkurju, jew juża proċess tal-manifattura ġdid, li jipprovdi benefiċċji sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa u ma jippreżenta l-ebda riskju sinifikanti la għall-ambjent u lanqas għas-saħħa tal-bniedem, u ma jkun hemm l-ebda alternattiva mingħajr merkurju teknikament prattikabbli li tipprovdi dawn il-benefiċċji, dak l-operatur ekonomiku għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Dik in-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) deskrizzjoni teknika tal-prodott jew tal-proċess ikkonċernat;
- (b) valutazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji tiegħu għas-saħħa u l-ambjent;
- (c) evidenza li turi n-nuqqas ta' alternattivi mingħajr merkurju li huma teknikament prattikabbli li jipprovdu benefiċċji sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa;
- (d) spjegazzjoni dettaljata tal-mod li bih il-proċess irid jiġi operat u l-prodottmanifatturat, użat, imħaddem u mormi bħala skart wara l-użu sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħaddi n-notifika li jkun irċieva mingħand l-operatur ekonomiku lill-Kummissjoni jekk jqis abbażi tal-valutazzjoni li jagħmel hu stess tal-informazzjoni pprovduta li l-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 jkunu ssodisfati.
- L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-każijiet fejn ikun qies li l-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 li ma jkunux ġew issodisfati.
5. Fejn l-Istat Membru jgħaddi notifika skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqiegħed in-notifika għad-dispożizzjoni tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 22(1) minnufih.
6. Il-Kummissjoni għandha teżamina n-notifika li tkun irċeviet u tivvaluta jekk tkunx ingħatat evidenza li l-prodott il-ġdid miżjud bil-merkurju jew il-proċess tal-manifattura ġdid jipprovdi benefiċċji sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa u ma jippreżenta l-ebda riskju sinifikanti la għall-ambjent u lanqas għas-saħħa tal-bniedem, u li ma hemm ebda alternattiva teknikament prattikabbli bla merkurju disponibbli u li tipprovdi t-tali benefiċċji.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bl-eżitu tal-valutazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, sabiex tispeċifika jekk il-prodott rilevanti l-ġdid miżjud bil-merkurju jew il-proċess tal-manifattura rilevanti l-ġdid huwiex awtorizzat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

7. Sat-30 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod elettroniku inventarju tal-proċessi tal-manifattura li jinvolve l-użu tal-merkurju u ta' komposti tal-merkurju li kienu proċessi li ntużaw qabel l-1 ta' Jannar 2018 u tal-prodotti miżjudin bil-merkurju li kienu ġew manifatturati qabel l-1 ta' Jannar 2018 u ta' kwalunkwe restrizzjoni applikabbli mil-lat ta' kummerċjalizzazzjoni.

Artikolu 9

Estrazzjoni u pproċessar artiġjanali u fuq skala żgħira tad-deheb

1. L-estrazzjoni u l-ipproċessar artiġjanali u fuq skala żgħira tad-deheb fejn tintuża l-amalgamazzjoni tal-merkurju għall-estrazzjoni tad-deheb mill-minerali għandhom jiġu pprojbiti.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 16, meta jkun hemm evidenza ta' aktar minn każijiet iżolati ta' nonkonformità mal-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżviluppa u timplimenta pjan nazzjonali f'konformità mal-Anness IV

Artikolu 10

Amalgama dentali

1. Mill-1 ta' Jannar 2019, l-amalgama dentali għandha tintuża biss f'forma inkapsulata ddożata minn qabel. L-użu tal-merkurju f'forma sfuża mill-prattikant dentali għandha tiġi pprojbita.

2. Mill-1 ta' Lulju 2018, l-amalgama dentali ma għandhiex tintuża għat-trattament dentali ta' snien tal-ħalib, ta' tfal taħt il-15-il sena u ta' nisa tqal jew li qed iredgħu, ħlief meta jitqies strettament meħtieġ mill-prattikant dentali abbażi tal-ħtiġijiet mediċi speċifiċi tal-pazjent.
3. Sal-1 ta' Lulju 2019, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi pjan nazzjonali li jikkonċerna l-miżuri li jkun biħsiebhu jimplimenta biex inaqqas gradwalment l-użu tal-amalgama dentali.

L-Istati Membri għandhom iqiegħdu l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod elettroniku, u għandhom jibagħtuhom lill-Kummissjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

4. Mill-1 ta' Jannar 2019, l-operaturi tal-faċilitajiet dentali fejn tintuża l-amalgama dentali jew fejn jitneħħa l-mili tal-amalgama dentali jew snien li jkun fihom dan it-tip ta' mili, għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet tagħhom ikunu mgħammrin b'separaturi tal-amalgama għaż-żamma u l-ġabra ta' partikuli tal-amalgama, inkluż dawk li jinsabu fl-ilma użat.

Tali operaturi għandhom jiżguraw li:

- (a) is-separaturi tal-amalgama mqiegħda fis-servizz mill-1 ta' Jannar 2018 għandhom jipprovdu livell ta' żamma ta' mill-inqas 95 % tal-partikuli tal-amalgama;
- (b) mill-1 ta' Jannar 2021, is-separaturi tal-amalgama kollha fl-użu għandhom jipprovdu l-livell ta' żamma speċifikat fil-punt (a).

Is-separaturi tal-amalgama għandhom jinżammu f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur sabiex jiġi żgurat l-oġġla livell ta' żamma prattikabbli.

5. Il-kapsuli u s-separaturi tal-amalgama li jikkonformaw mal-istandards Ewropej, jew ma' standards nazzjonali jew internazzjonali oħrajn li jipprovdi livell ekwivalenti ta' kwalità u ta' żamma, għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 u 4.
6. Il-prattikanti fil-qasam dentali għandhom jiżguraw li l-iskart tal-amalgama tagħhom, inklużi r-residwi tal-amalgama, il-partikuli u l-mili, u s-snien, jew parti minnhom, ikkontaminati mill-amalgama dentali, jiġu ttrattati u miġbura minn stabbiliment jew impriża tal-ġestjoni tal-iskart awtorizzat/a.

Il-prattikanti fil-qasam dentali ma għandhomx jirrilaxxaw direttament jew indirettament tali skart tal-amalgama fl-ambjent, tkun xi tkun iċ-ċirkustanza.

Kapitolu IV

Rimi tal-iskart tal-merkurju

Artikolu 11

Skart

Mingħajr preġudizzju għall-punt (5) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, il-merkurju u l-komposti tal-merkurju, sew f'forma pura u sew f'taħlitiet, minn kwalunkwe waħda mis-sorsi kbar li ġejjin għandhom jitqiesu li huma skart fit-tifsira tad-Direttiva 2008/98/KE u għandhom jintremew mingħajr ma tiġi pperikolata saħħet il-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent, skont dik id-Direttiva:

- (a) l-industrija tal-kloroalkali;
- (b) it-tindif tal-gass naturali;

- (c) operazzjonijiet ta' estrazzjoni u tidwib ta' minerali mhux ferrużi;
- (d) estrazzjoni minn minerali taċ-ċinnabar fl-Unjoni.

Dan ir-rimi ma għandu jwassal għall-ebda forma ta' rkupru tal-merkurju.

Artikolu 12

Rapportar dwar sorsi kbar

1. Sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, l-operaturi ekonomiċi fis-setturi tal-industrija msemmin fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 11 għandhom jibagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati:
 - (a) id-data dwar l-ammont totali ta' skart tal-merkurju mażzun f'kull installazzjoni;
 - (b) id-data dwar l-ammont totali ta' skart tal-merkurju mibgħut f'faċilitajiet individwali li jwettqu l-ħżin temporanju, il-konverżjoni u, jekk applikabbli, is-solidifikazzjoni tal-iskart tal-merkurju jew il-ħżin permanenti tal-iskart tal-merkurju li għadda mill-konverżjoni u, jekk applikabbli, is-solidifikazzjoni;
 - (c) il-post u d-dettalji ta' kuntatt ta' kull faċilità msemmija fil-punt (b);
 - (d) kopja taċ-ċertifikat ipprovdut mill-operatur tal-faċilità li jwettaq il-ħżin temporanju tal-iskart tal-merkurju, f'konformità mal-Artikolu 14(1);

- (e) kopja taċ-ċertifikat ipprovdut mill-operatur tal-faċilità li jwettaq il-konverżjoni u, jekk applikabbli, is-solidifikazzjoni tal-iskart tal-merkurju, f'konformità mal-Artikolu 14(2);
 - (f) kopja taċ-ċertifikat ipprovdut mill-operatur tal-faċilità li jwettaq il-ħżin permanenti tal-iskart tal-merkurju li jkun ġie konvertit u, jekk applikabbli, solidifikat, f'konformità mal-Artikolu 14(3).
2. Id-data msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandha tiġi kkomunikata bl-użu tal-kodiċijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
3. L-obbligu stipulat fil-paragrafi 1 u 2 ma għandux jibqa' japplika għal operatur ekonomiku ta' installazzjonijiet tal-kloroalkali minn sena wara d-data li fiha jkunu ġew iddekummissjonati ċ-ċelloli tal-merkurju kollha mħaddma mill-operatur ekonomiku skont id-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni 2013/732/UE u l-merkurju kollu jkun intbagħat f'faċilitajiet għall-ġestjoni tal-iskart.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart (ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1).

Artikolu 13

Ħżin tal-iskart tal-merkurju

1. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 1999/31/KE, l-iskart tal-merkurju jista' jinħażen temporanjament f'forma likwida sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għall-ħżin temporanju tal-iskart tal-merkurju kif stabbilit fl-Annessi I, II u III ta' dik id-Direttiva u sakemm dan il-ħżin isir f'faċilitajiet fuq l-art iddedikati u mgħammrin għall-ħżin temporanju tal-iskart tal-merkurju.

Id-deroga stabbilita fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tibqa' tapplika mill-1 ta' Jannar 2023.

2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21 sabiex temenda dan ir-Regolament billi testendi l-perijodu awtorizzat għall-ħżin temporanju tal-iskart tal-merkurju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu b'massimu ta' tliet snin.
3. Qabel ma jiġi mormi b'mod permanenti, l-iskart tal-merkurju għandu jiġi kkonvertit u, fejn intiżi li jintrema f'faċilitajiet fuq l-art, għandu jiġi kkonvertit u ssolidifikat.

L-iskart tal-merkurju li jkun ġie kkonvertit u, jekk applikabbli, issolidifikat għandu jiġi mormi b'mod permanenti fil-faċilitajiet ta' ħżin permanenti li ġejjin liċenzjati għar-rimi ta' skart perikoluż:

- (a) minjieri tal-melħ adattati għall-ħżin permanenti tal-iskart tal-merkurju li jkunu ġew konvertiti, jew f'formazzjonijiet fondi ta' blat iebes taħt l-art li jipprovdu livell ta' sikurezza u ta' żamma fil-magħluq ekwivalenti għal dak ta' dawn il-minjieri tal-melħ jew oġġla minnu; jew

- (b) faċilitajiet fuq l-art dedikati u mgħammra għall-ħżin permanenti tal-iskart tal-merkurju li jkunu ġew ikkonvertiti u ssolidifikati u li jipprovdu livell ta' sikurezza u ta' żamma fil-magħluq ekwivalent għal dak tal-faċilitajiet imsemmija fil-punt (a) jew oġġla minnu.

L-operaturi tal-faċilitajiet ta' ħżin permanenti għandhom jiżguraw li l-iskart tal-merkurju li jkun ġie konvertit u, jekk applikabbli, solidifikat, jitnhażen separatament minn skart ieħor u f'lottijiet għar-rimi f'kompartiment tal-ħżin li jkun issiġillat. Dawk l-operaturi għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 1999/31/KE, inklużi r-rekwiżiti speċifiċi għall-ħżin temporanju ta' skart tal-merkurju stabbiliti fit-tielet u fil-ħames inċiż tat-Taqsima 8 tal-Anness I u fl-Anness II ta' dik id-Direttiva, jkunu mħarsa fir-rigward tal-faċilitajiet ta' ħżin permanenti.

Artikolu 14

Traċċabbiltà

1. L-operaturi ta' faċilitajiet li jwettqu l-ħżin temporanju tal-iskart tal-merkurju għandhom jistabbilixxu reġistru li jkun jinkludi dan li ġej:
 - (a) għal kull kunsinna ta' skart tal-merkurju li jirċievu:
 - (i) l-oriġini u l-ammont ta' skart ta' dak il-merkurju;
 - (ii) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur u tas-sid ta' dak l-iskart;

- (b) għal kull kunsinna ta' skart tal-merkurju solidifikat li jitlaq mill-faċilità:
- (i) l-ammont ta' dak l-iskart u l-kontenut ta' merkurju tiegħu;
 - (ii) id-destinazzjoni u l-operazzjoni ta' rimi ntiżi ta' dak l-iskart;
 - (iii) kopja taċ-ċertifikat ipprovdut mill-operatur tal-faċilità li jwettaq il-konverżjoni u, jekk applikabbli, is-solidifikazzjoni ta' dak l-iskart, kif imsemmi fil-paragrafu 2;
 - (iv) kopja taċ-ċertifikat ipprovdut mill-operatur tal-faċilità li jwettaq il-ħżin permanenti tal-iskart tal-merkurju li jkun ġie konvertit u, jekk applikabbli, solidifikat, kif imsemmi fil-paragrafu 3;
- (c) l-ammont ta' skart tal-merkurju maħżun fil-faċilità fi tmiem kull xahar.

L-operaturi ta' faċilitajiet li jwettqu l-ħżin temporanju tal-iskart tal-merkurju għandhom, malli l-iskart tal-merkurju jinħareġ minn fejn ikun inħażen temporanjament, joħorġu ċertifikat li jikkonferma li l-iskart tal-merkurju jkun intbagħat f'faċilità li twettaq operazzjonijiet ta' rimi koperti minn dan l-Artikolu.

Ladarba jkun inħareġ iċ-ċertifikat kif imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kopja tiegħu għandha tintbagħat mingħajr dewmien lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati msemmija fl-Artikolu 12.

2. L-operaturi ta' faċilitajiet li jwettqu l-konverżjoni u, jekk applikabbli, is-solidifikazzjoni tal-iskart tal-merkurju għandhom jistabbilixxu reġistru li jkun jinkludi dan li ġej:

- (a) għal kull kunsinna ta' skart tal-merkurju li jirċievu:
 - (i) l-orijini u l-ammont ta' ta' dak l-iskart;
 - (ii) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur u tas-sid ta' dak l-iskart;
- (b) għal kull kunsinna ta' skart tal-merkurju li jkun ġie konvertit u, jekk applikabbli, solidifikat, li jitlaq mill-faċilità:
 - (i) l-ammont ta' dak l-iskart, u l-kontenut ta' merkurju tiegħu;
 - (ii) id-destinazzjoni u l-operazzjoni ta' rimi ntiżi għal dak l-iskart;
 - (iii) kopja taċ-ċertifikat ipprovdut mill-operatur tal-faċilità li jwettaq il-ħżin permanenti ta' dak l-iskart kif imsemmi fil-paragrafu 3;
- (c) l-ammont ta' skart tal-merkurju maħżun fil-faċilità fi tmiem kull xahar.

L-operaturi ta' faċilitajiet li jikkonvertu u, jekk applikabbli, jissolidifikaw l-iskart tal-merkurju għandhom, hekk kif titlesta l-operazzjoni ta' konverżjoni jew, jekk applikabbli, ta' solidifikazzjoni tal-iskart tal-merkurju, joħorġu ċertifikat li jikkonferma li l-kunsinna kollha tal-iskart tal-merkurju tkun ġiet konvertita u, jekk applikabbli, solidifikata.

Ladarba jkun inħareġ iċ-ċertifikat imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kopja tiegħu għandha tintbagħat mingħajr dewmien lill-operaturi tal-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati msemmija fl-Artikolu 12.

3. Malli titlesta l-operazzjoni ta' rimi tal-kunsinna kollha, l-operaturi tal-faċilitajiet li jwettqu l-ħżin permanenti tal-iskart tal-merkurju li jkun ġie konvertit u, jekk applikabbli, solidifikat, għandhom joħroġu ċertifikat li jikkonferma li l-kunsinna kollha ta' skart tal-merkurju li tkun ġiet konvertita u, jekk applikabbli, solidifikata, tkun tqiegħdet f'faċilità ta' ħżin permanenti f'konformità mad-Direttiva 1999/31/KE, u li jinkludi informazzjoni dwar il-post tal-ħżin.

Ladarba jkun inħareġ iċ-ċertifikat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kopja tiegħu għandha tintbagħat mingħajr dewmien lill-operaturi tal-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu kif ukoll lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati msemmija fl-Artikolu 12.

4. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-operaturi tal-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jibagħtu r-reġistru għas-sena kalendarja ta' qabel lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom kull sena jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull reġistru mibgħut lilhom.

Artikolu 15

Siti kontaminati

1. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri dwar il-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali biex jiġu identifikati u vvalutati s-siti kontaminati b'mercurju u komposti tal-mercurju u biex jiġu indirizzati r-riskji sinifikanti li tali kontaminazzjoni tista' tippreżenta għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.
2. Sal-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, b'mod elettroniku, l-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1, inkluż inventarju ta' siti kontaminati b'mercurju u komposti tal-mercurju.

Kapitolu V

Penali, awtoritajiet kompetenti u rapportar

Artikolu 16

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Sad-dati rispettivi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk ir-regoli u dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, b'kull emenda sussegwenti li tolqothom.

Artikolu 17

Awtoritajiet kompetenti

L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mit-twettiq tal-obbligi li joriġinaw minn dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Rapport

1. Sal-1 ta' Jannar 2020 u f'intervalli xierqa minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom iħejju, jipprovdu lill-Kummissjoni u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, b'mod elettroniku rapport b'li ġej:
 - (a) informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;
 - (b) informazzjoni meħtieġa għall-issodisfar mill-Unjoni tal-obbligu ta' rapportar tagħha skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni;
 - (c) sommarju tal-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament;
 - (d) informazzjoni rigward il-merkurju li jinsab fit-territorji tagħhom:
 - (i) lista ta' siti fejn hemm ħażniet ta' aktar minn 50 tunnellata metrika ta' merkurju għajr skart tal-merkurju, kif ukoll l-ammont ta' merkurju f'kull sit;
 - (ii) lista ta' siti fejn hemm akkumulati aktar minn 50 tunnellata metrika ta' merkurju, kif ukoll l-ammont ta' skart tal-merkurju f'kull sit; u

- (e) lista ta' sorsi li jissupplixxu aktar minn 10 tunnelli metri ta' merkurju kull sena, meta l-Istati Membri jkunu jafu b' tali sorsi.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħmlux disponibbli għall-pubbliku xi informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 4 (1) u (2) tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, soġġett għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) ta' dik id-Direttiva.

2. Għall-finijiet tar-rappurtar imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri għodda elettronika għar-rappurtar.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-kwestjonarji xierqa biex tispeċifika l-kontenut, l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni meħtieġa sabiex tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll il-format u l-frekwenza tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1. Dawk il-kwestjonarji ma għandhomx jidduplikaw l-obbligi ta' rapportar tal-Partijiet tal-Konvenzjoni. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

3. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni r-rapporti li jipprovdu lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

¹ Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

Artikolu 19

Rieżami

1. Sat-30 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha dwar:
 - (a) il-ħtieġa li l-Unjoni tirregola l-emissjonijiet ta' merkurju u komposti tal-merkurju mill-krematorji;
 - (b) il-fattibbiltà li l-użu tal-amalgama dentali jiġi eliminat gradwalment fuq tul ta' żmien, u preferibbilment sal-2030, filwaqt li jitqiesu l-pjanijiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 10(3) u filwaqt li tiġi rispettata b'mod sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika; u
 - (c) il-benefiċċji ambjentali u l-fattibbiltà ta' allinjament ulterjuri tal-Anness II mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni li tirregola t-tqegħid fis-suq ta' prodotti miżjudin bil-merkurju.
2. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u r-rieżami ta' dan ir-Regolament, fid-dawl, fost l-oħrajn, tal-evalwazzjoni dwar l-effikaċja mwettqa mill-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni u r-rapporti pprovduti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva flimkien mar-rapporti tagħha msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Kapitolu VI

Setgħat delegati u ta' implimentazzjoni

Artikolu 20

Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament sabiex temenda l-Annessi I, II, III u IV tagħha biex tallinjahom mad-Deċiżjonijiet adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni, dment li l-Unjoni tkun sostniet id-deċiżjoni kkonċernata permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill adottata skont l-Artikolu 218(9) TFUE.

Artikolu 21

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 20 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 20 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 22
Proċedura ta' kumitat

1. Għall-adozzjoni tal-formoli għall-importazzjoni u l-esportazzjoni taħt l-Artikolu 6, ta' rekwiżiti tekniċi għall-ħżin temporanju ambjentalment korrett ta' merkurju, komposti tal-merkurju jew taħlitiet tal-merkurju taħt l-Artikolu 7(3), ta' deċiżjoni taħt l-Artikolu 8(6), u tal-kwestjonarji taħt l-Artikolu 18(2), il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Kapitolu VII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 23
Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2018.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw flimkien mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 24
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Madankollu, il-punt (d) tal-Parti I tal-Anness III għandha tapplika mill-11 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

Komposti tal-merkurju soġġetti għall-Artikolu 3(2) u (3) u għall-Artikolu 7(3)
u taħlitiet tal-merkurju soġġetti għall-Artikolu 3(2), l-Artikolu 4(1) u għall-Artikolu 7(3)

Komposti tal-merkurju pprojbiti għall-esportazzjoni mill-1 ta' Jannar 2018:

- Klorur tal-merkurju (I) (Hg_2Cl_2 , CAS RN 10112-91-1)
- Ossidu tal-merkurju (II) (HgO , CAS RN 21908-53-2)
- Mineral taċ-ċinabru
- Sulfur tal-merkurju (HgS , CAS RN 1344-48-5)

Komposti tal-merkurju pprojbiti għall-esportazzjoni mill-1 ta' Jannar 2020:

- Sulfat tal-merkurju (II) (HgSO_4 , CAS RN 7783-35-9)
- Nitrat tal-merkurju (II) ($\text{Hg}(\text{NO}_3)_2$, CAS RN 10045-94-0)

Taħlitiet tal-merkurju ipprojbiti għall-esportazzjoni u l-importazzjoni mill-1 ta' Jannar 2018:

- Taħlitiet tal-merkurju ma' sustanzi oħra, inklużi liġi tal-merkurju, b'konċentrazzjoni ta' merkurju li tkun tal-anqas 95 % fil-piż.

ANNEX II

Prodotti miżjuda bil-merkurju msemija fl-Artikolu 5

Parti A – Prodotti miżjuda bil-merkurju

Prodotti miżjuda bil-merkurju	Data li minnha l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-prodotti miżjuda bil-merkurju huma pprojbiti
1. Batteriji jew akkumulaturi li jkun fihom aktar minn 0,0005 % ta' merkurju fil-piż.	31.12.2020
2. Swiċċijiet u rilejs, ħlief il-pontijiet għall-kejl b'akkuratezza għolja ħafna tal-kapaċitanza u t-telf u swiċċijiet u rilejs tal-frekwenza tar-radju bi frekwenza għolja għal strumenti ta' monitoraġġ u kontroll b'kontenut massimu ta' merkurju ta 20 mg għal kull pont, swiċċ jew rilej.	31.12.2020
3. Bozoz fluworexxenti kompatti (CFLs) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali: (a) CFL.i $\leq$ 30 watts b'kontenut ta' merkurju li jaqbeż it-2,5 mg għal kull berner tal-bozza. (b) CFL.ni $\leq$ 30 watts b'kontenut ta' merkurju li jaqbeż it-3,5 mg għal kull berner tal-bozza.	31.12.2018
4. Il-bozoz fluworexxenti lineari li ġejjin (LFLs) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali: (a) Fosforu bi tliet strixxi $<$ 60 watts b'kontenut ta' merkurju li jaqbeż il-5 mg għal kull bozza; (b) Fosforu tal-alofosfat $<$ 40 watts b'kontenut ta' merkurju li jaqbeż l-10 mg għal kull bozza.	31.12.2018

Prodotti miżjuda bil-merkurju	Data li minnha l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-prodotti miżjuda bil-merkurju huma pprojbiti
5. Bozoz tal-merkurju (gass) taħt pressjoni għolja (HPMVs) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali.	31.12.2018
6. Dawn il-bozoz fluworexxenti b'katodu kiesaħ u l-bozoz fluworexxenti b'elettrodi esterni (CCFLs u EEFLs) li fihom il-merkurju miżjud, għal skrin elettroniċi: (a) ta' tul qasir (≤ 500 mm) b'kontenut ta' merkurju ogħla minn 3,5 mg għal kull bozza; (b) ta' tul medju (> 500 mm u $\leq 1\,500$ mm) b'kontenut ta' merkurju ogħla minn 5 mg għal kull bozza; (c) ta' tul twil ($> 1\,500$ mm) b'kontenut ta' merkurju ogħla minn 13 mg għal kull bozza	31.12.2018
7. Kożmetiċi bil-merkurju u bil-komposti tal-merkurju, ħlief dawk il-każijiet speċjali inklużi fl-annotazzjonijiet 16 u 17 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ¹ .	31.12.2020
8. Pestiċidi, bijoċidi u antiseptiċi topiċi.	31.12.2020

¹ Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).

Prodotti miżjuda bil-merkurju	Data li minnha l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-prodotti miżjuda bil-merkurju huma pprojbiti
9. L-istrumenti tal-kejl mhux elettroniċi li ġejjin: (a) barometri; (b) igrometri; (c) manometri; (d) termometri u applikazzjonijiet termometriċi mhux tal-elettriku oħrajn; (e) sfigmomanometri; (f) strain gauges biex jintużaw mal-pletismografi; (g) piknometri tal-merkurju; (h) strumenti tal-kejl tal-merkurju għad-determinazzjoni tal-punt tat-trattib. Din l-annotazzjoni ma tkoprix l-istrumenti tal-kejl li ġejjin: - strumenti tal-kejl mhux elettroniċi installati f'tagħmir fuq skala kbira jew dawk użati għal kejl ta' preċiżjoni għolja, meta ma tkun disponibbli l-ebda alternattiva xierqa mingħajr merkurju; - strumenti tal-kejl li fit-3 ta' Ottubru 2007 kellhom aktar minn 50 sena; - strumenti tal-kejl li jridu jidhru f'wirjiet pubbliċi għal finijiet kulturali u storiċi.	31.12.2020

Parti B – Prodotti addizzjonali esklużi mil-lista fil-Parti A ta' dan l-Anness

Swiċċijiet u rilejs, bozoz fluworexxenti b'katodu kiesaħ u bozoz fluworexxenti b'elettrodi esterni (CCFLs u EEFLs) għal skrins elettroniċi u strumenti tal-kejl, meta jintużaw biex jieħdu post komponent ta' tagħmir akbar u dment li ma teżisti l-ebda alternattiva fattibbli mingħajr merkurju għal dak il-komponent, f'konformità mad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u d-Direttiva 2011/65/UE.

¹ Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

ANNEX III

Rekwiżiti relatati mal-merkurju applikabbli għall-proċessi
ta' manifattura msemija fl-Artikolu 7(1) u (2)

Parti I: L-użu pprojbit ta' merkurju jew komposti tal-merkurju, sew f'forma pura u sew f'taħlitiet,
fil-proċessi tal-manifattura

- (a) mill-1 ta' Jannar 2018: proċessi tal-manifattura li fihom il-komposti tal-merkurju jintużaw bħala katalist;
- (b) b'deroga mill-punt (a), il-produzzjoni tal-monomer tal-klorur tal-vinil għandha tiġi pprojbita mill-1 ta' Jannar 2022;
- (c) mill-1 ta' Jannar 2022: proċessi tal-manifattura li fihom l-merkurju jintuża bħala elettrodu;
- (d) b'deroga mill-punt (c), mill-1 ta' Diċembru 2017: produzzjoni tal-kloroalkali li fiha l-merkurju jintuża bħala elettrodu;
- (e) b'deroga mill-punt (c), il-produzzjoni tal-metilal jew tal-etilal tas-sodju jew tal-potassju għandha tiġi pprojbita mill-1 ta' Jannar 2028;
- (f) mill-1 ta' Jannar 2018: il-produzzjoni tal-poliuretan, sal-punt li ma tkunx diġà ristretta jew ipprojbita skont l-entrata 62 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Parti II: Il-proċessi ta' manifattura soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-użu u r-rilaxx ta' merkurju u komposti tal-merkurju

Il-produzzjoni tal-metilal jew tal-etilal tas-sodju jew tal-potassju

Il-produzzjoni tal-metilal jew tal-etilal tas-sodju jew tal-potassju għandha ssir skont il-punt (e) tal-Parti I u soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-ebda użu ta' merkurju minn estrazzjoni primarja;
- (b) it-tnaqqis b'50 %, sal-2020, tar-rilaxx dirett u indirett tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fl-art, f'termini ta' produzzjoni għal kull unità, meta mqabbla mal-2010;
- (c) is-sostenn tar-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward tal-proċessi ħielsa mill-merkurju; u
- (d) minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-kapaċità ta' installazzjonijiet li jużaw il-merkurju u l-komposti tal-merkurju għall-produzzjoni tal-metilal jew tal-etilal tas-sodju jew tal-potassju li kienu joperaw qabel dik id-data, ma għandhiex tiżdied u ma għandha tkun permessa l-ebda installazzjoni ġdida.

ANNEX IV

Kontenut tal-pjan nazzjonali dwar l-estrazzjoni u l-ipproċessar tad-deheb artiġjanali u fuq skala żgħira msemmija fl-Artikolu 9

Il-pjan nazzjonali għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-oġġettivi nazzjonali u l-miri ta' tnaqqis biex jiġi eliminat l-użu tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju;
- (b) azzjonijiet maħsuba biex jeliminaw:
 - (i) amalgamazzjoni sħiħa tal-minerali;
 - (ii) ħruq fil-miftuħ ta' amalgama jew amalgama pproċessata;
 - (iii) ħruq ta' amalgama f'żoni residenzjali; u
 - (iv) lissija ta' ċjanur f'sediment, minerali jew irmied tat-tlissija li magħhom ikun żdied il-merkurju mingħajr ma l-ewwel jitneħħa l-merkurju;
- (c) passi għall-iffaċilitar tal-formalizzazzjoni jew tar-regolamentazzjoni tas-settur tal-estrazzjoni u l-ipproċessar tad-deheb fuq skala żgħira u artiġjanali;
- (d) stimi bażiċi tal-kwantitajiet ta' merkurju użat u l-prattiki użati fl-estrazzjoni u fl-ipproċessar tad-deheb fuq skala żgħira u artiġjanali fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat;

- (e) strateġiji għall-promozzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u tar-rilaxxi tal-merkurju, u tal-esponiment għalih, fl-estrazzjoni u fl-ipproċessar tad-deheb fuq skala żgħira u artiġjanali, inklużi metodi mingħajr merkurju;
- (f) strateġiji għall-ġestjoni tal-kummerċ u l-prevenzjoni tad-devjazzjoni tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju kemm minn sorsi domestiċi kif ukoll minn sorsi barranin għall-użu fl-estrazzjoni u fl-ipproċessar tad-deheb fuq skala żgħira u artiġjanali;
- (g) strateġiji għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni u fl-iżvilupp kontinwu tal-pjan nazzjonali;
- (h) strateġija tas-saħħa pubblika dwar l-esponiment għall-merkurju ta' minaturi li jaħdmu fil-minjieri tad-deheb artiġjanali u fuq skala żgħira u l-komunitajiet tagħhom, li għandha tinkludi, inter alia, il-ġbir ta' data dwar is-saħħa, it-taħriġ għal ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u s-sensibilizzazzjoni permezz ta' faċilitajiet tas-saħħa;
- (i) strateġiji għall-prevenzjoni tal-esponiment ta' popolazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal u n-nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal, speċjalment nisa tqal, għall-merkurju użat fl-estrazzjoni u l-ipproċessar tad-deheb fuq skala żgħira u artiġjanali;
- (j) strateġiji għall-għoti ta' informazzjoni lill-minaturi li jaħdmu fil-minjieri tad-deheb fuq skala żgħira u artiġjanali u lill-komunitajiet milquta;
- (k) skeda għall-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali.

ANNEX V

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 3(1) u (2)
Artikolu 1(2)	Artikolu 3(3)
Artikolu 1(3)	Artikolu 3(4)
Artikolu 2	Artikolu 11
Artikolu 3(1)(a)	Artikolu 13(3)(a)
Artikolu 3(1)(b)	Artikolu 13(1)
Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 13(1), l-ewwel subparagrafu u Artikolu 13(3), it-tieni subparagrafu
Artikolu 3(2)	—
Artikolu 4(1)	Artikolu 13(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 13(1)
Artikolu 4(3)	—
Artikolu 5(1)	—
Artikolu 5(2)	—
Artikolu 5(3)	—
Artikolu 6(1)(a)	—

Ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008	Dan ir-Regolament
Artikolu 6(1)(b)	Artikolu 12(1)(a)
Artikolu 6(1)(c)	Artikolu 12(1)(b) u (c)
Artikolu 6(2)(a)	Artikolu 12(1)(a)
Artikolu 6(2)(b)	Artikolu 12(1)(b) u (c)
Artikolu 6(3)	Artikolu 12(1)
Artikolu 6(4)	—
Artikolu 7	Artikolu 16
Artikolu 8(1)	—
Artikolu 8(2)	—
Artikolu 8(3)	—
Artikolu 8(4)	—
Artikolu 8(5)	—
Artikolu 9	—